MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 2486/1999/1

**Joseph Ronald Galea f'ismu proprju u ghad-ditta J. E. Galea**

**v.**

**Uniservices Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. B'citazzjoni tieghu prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-attur pro et noe., wara li ippremetta illi s-

socjeta` konvenuta kellha taghti lill-attur pro. et noe. is-somma ta' LM14,912.90c bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata bl-imghax mid-data tal-konsenja sal-11 ta' Ottubru, 1999, kif jidher mill-prospett (Dok. B) oltre l-imghax legali minn dik id-data sal-hlas effettiv, liema dejn hu cert, likwidu u skadut; u peress illi fil-fehma ta' l-attur pro. et. noe. is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-ammont mitlub u ghalhekk hu l-kaz li dik il-Qorti kellha tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; talab li tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandhiex dik il-Qorti:-
1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lill-attur proprio et nomine s-somma fuq indikata ta' Lm14,912.09c bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u konsenjata u bl-imghax mid-data tal-konsenja sal-11 ta' Ottubru, 1999, u flimkien ma' l-imghax legali ulterjuri minn dik id-data sal-hlas effettiv; bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Ottubru, 1999, kontra s-socjeta` konvenuta.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

2.1 Is-socjeta` konvenuta dehret u talbet li tikkontesta t-talba, u din it-talba giet milqugha mill-ewwel Qorti, b'digriet tal-10 ta' Jannar, 2000, li ordna li l-kawza timxi bi procedura normali.

2.2 Is-socjeta` konvenuta eccepiet illi
(1) l-ammont pretiz huwa preskritt a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta hlief ghall-ammont ta' Lm1480.90c li huma dovuti u

(2) bla pregudizzju u fil-mertu, is-socjeta` konvenuta ghandha taghti biss is-somma ta' LM1,480.89c kif indikat fl-anness invoice (Dok. U).

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza taghha tat-30 ta' Marzu, 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet mill-kawza billi iddecidiet li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-Art. 2156(f) tal-Kodici Civili kellha tigi milqugha, u ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza, wara li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, cahdet it-talba attrici sa fejn hija ghal aktar minn elf, erba' mija u tmenin lira u tmienja u disghin centezmu (LM1,480.98c) u ikkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas elf, erba' mija u tmenin lira u tmienja u disghin centezmu (LM1,480.98c) bl-imghax fuq dik is-somma mid-data tal-konsenja relattiva. L-ispejjez gudizzjarji kellhom jinqasmu hekk: disa' partijiet minn ghaxra (9/10) thallashom is-socjeta attrici u parti minn ghaxra (1/10) thallashom is-socjeta` konvenuta.

**L-APPELL TA' L-ATTUR PROPRIO ET NOMINE**

4. L-attur proprio et nomine hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona appell minnha.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

5. Dan l-appell jirreferi ghal talba maghmula mill-attur ghal hlas allegatament dovut mis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' Lm14,912.09, bilanc ta' somma aktar, prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjatha lis-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta appellata, filwaqt illi ammettiet debitu wiehed specifiku fis-somma ta' LM1,480.98c, eccepiet il-preskrizzjoni dwar l-ammonti l-ohrajn a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, igifieri l-preskrizzjoni kwinkwennali.

6. Jidher li l-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi li gew miz-zewg nahat prodotti – konsistenti fix-xhieda ta' l-attur appellant min-naha u Joseph Baldacchino, direttur tas-socjeta` konvenuta min-naha l-ohra, spiccat biex finalment laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

7. L-aggravju ta' l-attur huwa fis-sens li, skond hu, l-ewwel Qorti kellha, minflok, tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u tilqa' t-talba attrici <u>in toto</u>.

Skond l-attur, kienet korretta l-ewwel Qorti in kwantu din irriteniet li l-preskrizzjoni applikabbli kienet dik ta' hames snin izda kien hemm provi bizzejjed li juru li l-perijodu de quo kellu jibda jiddekorri mill-jum ta' l-ahhar fornitura u meta jkunu waqfu r-rapporti bejn il-partijiet kontraenti. Skond l-attur, l-ahhar konsenja ta' merkanzija sehhet fl-1 ta' Marzu, 1994, u suppost li l-preskrizzjoni kienet taghlaq fl-1 ta' Marzu, 1994, li kieku din ma gietx interrotta. Fil-fatt, il-perm ta' l-aggravju ta' l-attur jikkonsisti fil-fatt li, skond hu, kien hemm provi bizzejjed li minnhom kellu jirrizulta li kien hemm interruzzjoni ta' dan il-perijodu preskrittiv u kwindi jfisser li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u iddecidiet hazin.

8. Din il-Qorti gharblet mill-gdid il-provi konsistenti fiz-zewg deposizzjonijiet 'viva voce' moghtijin miz-zewg 'protagonisti' fil-vicenda igifieri l-attur min-naha u min-naha l-ohra Joseph Baldacchino, kif ukoll l-'istatements' u dokumenti ohrajn li gew ipprezentati mill-partijiet fil-kors tal-kawza.

Bla ezitazzjoni din il-Qorti jkollha tistqarr li fil-kors tad-deposizzjoni tieghu, l-imsemmi Joseph Baldacchino xehed b'tali mod li ma jistax jitqies bhal xhud ghal kollox attendibbli jew affidabbli. Bil-maqlub, huwa xehed b'mod inkonsistenti u konfuz f'diversi okkazjonijiet u l-ewwel Qorti addirittura esprimiet apertament, fil-kors tax-xhieda tieghu, li kienet tahsibha bl-istess mod ukoll dwaru. Imma huwa bizzejjed b'daqstant biex tigi rigettata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali kemm-il darba jirrizultaw provi ohra fattwali li jiggustifikawha? Huwa proprju hawn il-qofol tar-risoluzzjoni ta' dan l-appell.

9. M'hemmx dubju li bhala fatt jirrizulta li kull kuntatt ta' xiri u konsenja ta' merkanzija bejn il-partijiet kontendenti ntemm ta' l-anqas fl-1 ta' Marzu, 1994. L-att ta' citazzjoni ta' l-attur pro et noe pero` gie ipprezentat fil-15 ta' Novembru, 1999, igifieri oltre t-terminu preskrittiv. Mhux hekk biss imma fic-citazzjoni hemm riferenza ghall-ispedizzjoni ta' ittra ufficjali in data tal-14 ta' Ottubru, 1999, li prova dwarha ma saritx – ghalkemm f'kull kaz din ukoll kienet se mai spedita fuori termine.

10. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li min-naha 'l wahda kien hemm l-attur li, minkejja li l-konvenut kien qieghed manifestament jilluzingah b'hafna promessi ta' pagamenti akkont li ma nzammux, deher 'kuntent' li joqghod jibghat 'statement' wara iehor b'zidiet sostanzjali ta' hlas ta' interessi u interessi komposti bla ma jiehu passi gudizzjarji biex jikkawtela l-posizzjoni tieghu; u min-naha l-ohra mbaghad kien hemm is-socjeta` konvenuta (kif rapprezentata minn Joseph Baldacchino) li kienet tinjora u xi minn daqqiet sahansitra tqatta' dawn l-'istatements' ghax ghaliha ma kienux dovuti. Fil-fehma tal-Qorti ftit jaghmel sens li f'xenarju bhal dan, l-attur jibqa' inattiv u semplicement joqghod jirreklama hlas ta' kontijiet permezz ta' 'statements' li kienu jmorru lura sas-sena 1991.

11. Huwa minnu li l-attur proprio et nomine xehed fis-sens li kien hemm inkontri mal-kontroparti konvenuta u li din mhux biss ma kienitx tikkontesta l-ammonti mitluba minghandha imma kienet ukoll ghamlet zewg pagamenti akkont, igifieri wiehed fl-24 ta' Gunju, 1993, u l-iehor fis-7 ta' Novembru, 1997, li kienu, skond l-attur, prova cara ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Min-naha l-ohra pero` il-konvenut nomine jsostni li kull pagament akkont li seta' sar minnu kien dejjem cirkostritt ghal kont partikolari u ma kien hemm qatt ammissjoni jew rikonoxximent dwar il-bqija ta' l-ammonti reklamati mill-attur appellant.

12. Illi min qari tas-sentenza appelletta jirrizulta li l-ewwel Qorti <u>ikkunsidrat debitament dan l-aspett</u> dwar interruzzjoni o meno tad-debitu in kwistjoni. Di fatt l-ewwel Qorti qalet dan fis-sentenza taghha:
"Meta s-socjeta` konvenuta hallset fis-7 ta' Novembru, 1997, izda l-konvenuta (sic) ma kienitx qeghdha thallas akkont tad-dejn kollu mitlub; kienet qeghdha thallas biss akkont ta' dejn partikolari li ma hix qeghdha tichad li ghandha taghti. Ghalhekk, il-hlas ma jistax jitqies bhala gharfien tad-dejn kollu izda biss ta' dik il-parti li l-konvenuta espressament qeghdha tistqarr li tassew ghandha taghti, i.e. elf erba' mija u tmenin lira u tmienja u disghin centezmu (LM1,480.98c)"

Fi kliem iehor, ghalkemm dak li xehed Joseph Baldacchino huwa tenwu; daqstant iehor, pero`, huwa dubbjuz dak li l-attur ipprova jghid fis-sens li, rinfaccjat b'zewg cekkijiet ta' elf lira 'l wiehed u iehor ta' elf u sittin lira, it-tlieta emessi mid-debitur fl-1991 (liema cekkijiet ma ssarfux ghax ma gewx onorati mill-Bank), l-attur ikkuntenta ruhu billi joqghod jibghat lill-kontroparti 'monthly statements' wiehed wara l-iehor b'zidiet ta' interessi li f'hames okkazjonijiet minnhom (ara Dok. a fol. 5a tal-process) lahqu s-somma ta' seba' mija u disgha u disghin lira (LM799) <u>kull darba</u>! Fil-fatt, mid-Dok B irrizulta li xejn anqas minn Lm4,922.84c mill-ammont globali kienu qeghdin jintalbu per via ta' imghaxijiet. Minbarra dan, il-Qorti lanqas tifhem l-ghala l-attur naqas li jipproduci lill-'accountant' tas-socjeta` konvenuta biex dan jixhet izjed dawl fuq is-suppost inkontri li saru bejnu u bejn il-kontroparti. Prova simili kienet tispetta maggorment lill-attur u mhux lill-parti li qeghdha tichad. Anki fir-rigward ta' l-ahhar partita mibjugha, dik tas-sena 1994 igifieri, l-attur ukoll ihalli dubji serji dwarha billi xehed kif gej:
"L-ahhar darba kienet 'invoice' zghira f'Marzu ta' l-1994. U din kienet pendenza, kienet daqsxejn separata mill-ohrajn ghal raguni wahda; ghax din kienet haga li hadha t-tifel tieghu z-zghir u meta gie jehodhom dawn l-affarijiet, ghax hu gieli gew (sic) u jghabbu ix- xoghol huma jigifieri ghall-papa` taghhom, u dan qalli "niehu dawn" qalli "imma taghmilix 'invoice' ghalissa, qalli 'ghax jonqosni xi haga…."

13. Meta l-attur appellant ra tali inadempjenza fir-rigward ta' hlasijiet allegatament dovuti mis-socjeta` konvenuta, kien jinkombi fuqu li jiehu passi legali sabiex jipprotegi ruhu adegwatament – haga li ma ghamilhiex. Frankament, l-impressjoni li iffurmat <u>din</u> il-Qorti, minn ezami tal-provi, hija dik li l-attur jew ried jiehu vantagg mit-tahwid evidenti li bih is-socjeta` konvenuta kienet 'tiggestixxi' n-negozju taghha u jesigi hlas ta' merkanzija meta t-terminu ghal fini ta' hlas kien ormai preskritt jew, inkella, li l-attur m'gharafx jagixxi bhala 'bonus

paterfamilias' billi jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu kif titlob il-ligi. Fic-cirkostanzi ghalhekk jidher li dak li finalment iddecidiet l-ewwel Qorti – anke jekk b'certi kummenti min-naha taghha li saru minn fuq it-tribuna dik il-Qorti setghet tat l-impressjoni li kienet qeghdha tahsibha diversament minn kif iddecidiet – kien gust u korrett.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur bl-ispejjez relativi ghal dina l-istanza kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------